# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, l-Erbgħa, 3 ta' Frar, 2016

**Kawża Numru 30**

**Ċitazz. Nru. 695/99JRM**

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**

vs

George **GALEA** u b'degriet tat-23 ta' Ottubru, 2008, il-ġudizzju għadda f'isem Alexandra Żammit, George Galea *Junior* u Claudia Gafa' sabiex ikomplu l-kawża minflok il-konvenut George Galea li miet fil-mori tal-kawża

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-23 ta' Marzu, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) issib li d-deċiżjoni mogħtija fl-1 ta' Ottubru, 1998, mit-Tribinal għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzji mwaqqaf bl-Att VIII tal-1997 fil-proċediment fl-ismijiet "*George Galea vs Kummissarju tal-Pulizija*" (Rikors 40/97) li biha ordnat lill-attur joħroġ permess lill-istess Galea biex jista' jarma kjosk f'Għar id-Dud ma tiswiex għaliex tmur lil hinn mis-setgħat li l-liġi tagħti lill-istess Tribunal u billi, f'kull każ, id-deċiżjoni ma tistax titwettaq; u (b) tħassar, tirrevoka u tannulla dik id-deċiżjoni. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fil-25 ta' Ġunju, 1999, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, eċċepixxa n-nullita' tal-azzjoni billi qal li azzjoni ta' smigħ mill-ġdid ta' kawża (ritrattazzjoni) jmissha titressaq quddiem l-istess qorti li tkun tat is-sentenza attakkata u wkoll billi l-azzjoni tressqet wara li kien għalaq iż-żmien mogħti mil-liġi biex tista' tinfetaħ kawża għar-ritrattazzjoni. Fil-mertu, laqa' billi qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija tajba u ma fiha l-ebda tifsira ħażina tal-liġi, u għalhekk il-Qorti ma jmisshiex tilqa' t-talbiet tal-attur għat-tħassir tal-istess deċiżjoni;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-3 ta' Jannar, 2000[1], li bih bagħtet il-kawża biex tinstema' minn qorti oħra li kienet qiegħed tisma' żewġ kawżi oħrajn bejn l-istess partijiet[2];

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-27 ta' Jannar, 2004[3], li bih ordnat li l-ewwel kellha tingħata s-sentenza f'din il-kawża u li jinġiebu quddiemha l-atti tal-każ maqtugħ mit-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji li wasslu għall-għoti tad-deċiżjoni attakkata;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-22 ta' Jannar, 2008[4], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza u ta żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-5 ta' Ġunju, 2008[5], li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrek b'rikors imressaq minnu fit-3 ta' Ġunju, 2008, ħallietu jressaq eċċezzjoni ulterjuri li biha qal li l-azzjoni tal-Kummissarju attur kienet tressqet wara ż-żmien maħsub fl-artikolu 469A(3) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Rat is-Sentenza tagħha (diversament presjeduta) tal-14 ta' Lulju, 2009[6] li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin aħwa Galea u laqgħet it-talbiet tal-Kummissarju attur u ħassret id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji;

Rat li l-imħarrkin appellaw mill-imsemmija sentenza;

[1] Paġ. 38 tal-proċess
[2] Ċitazz. Nru. 2335/98 (maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-28.6.2012) u Ċitazz. Nru. 2428/98
[3] Paġ. 47 tal-proċess
[4] Paġ. 91 tal-proċess
[5] Paġ. 108 tal-proċess
[6] Paġġ. 132 sa 142 tal-proċess

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju, 2012[7], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-appell tal-imħarrkin u ħassret is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Lulju, 2009, u reġgħet bagħtet l-atti tal-kawża lil din il-Qorti "biex tiddeċiedi fuq it-talbiet attriċi dwar in-nullita' tad-deċiżjoni tat-Tribunal abbażi tal-premessi l-oħra";

Rat li din il-kawża kienet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta f'April tal-2014;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Ġunju, 2014[8], li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet ulterjuri tagħhom bil-miktub;

Rat li l-ebda waħda mill-partijiet ma ressqet sottomissjonijiet oħrajn minkejja ż-żmien lilhom mogħti, u b'nota mressqa fit-3 ta' Novembru, 2014[9] l-imħarrkin irrinunzjaw formalment għat-tressiq ta' Nota ta' Sottomissjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Il-Kummissarju attur irid li din il-Qorti ssib li deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji (aktar 'il quddiem imsejjaħ "it-Tribunal") fuq ilment li kien tressaq mill-imħarrek ingħatat lil hinn mis-setgħat ('*ultra vires*') tal-istess Tribunal u jrid it-tħassir tal-istess deċiżjoni;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek kien laqa' billi, b'mod preliminari, eċċepixxa n-nullita' tal-azzjoni billi qal li azzjoni ta' smigħ mill-ġdid ta' kawża (ritrattazzjoni) jmissha titressaq quddiem l-istess qorti li tkun tat is-sentenza attakkata u wkoll billi l-azzjoni tressqet wara li kien għalaq iż-żmien mogħti mil-liġi biex tista' tinfetaħ kawża għar-ritrattazzjoni. Fil-mertu, laqa' billi qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija tajba u ma fiha l-ebda tifsira ħażina tal-liġi, u għalhekk il-Qorti ma jmisshiex tilqa' t-talbiet tal-attur għat-tħassir tal-istess deċiżjoni. Aktar 'il quddiem, u meta l-kawża

[7] Paġġ. 160 sa 179 tal-proċess
[8] Paġ. 157 tal-proċess
[9] Paġ. 185 tal-proċess

kienet tħalliet għas-sentenza, l-imħarrek ingħata l-permess biex iressaq eċċezzjoni ulterjuri li trid li l-azzjoni tal-Kummissarju attur waqgħet billi tressqet wara ż-żmien mogħti lilu fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, imma sallum ma tqajment qatt b'mod formali u bil-mod imfisser mil-liġi[10];

Illi bis-saħħa tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell, dik il-Qorti iddisponiet mill-"eċċezzjoni ulterjuri" u kif ukoll mit-talba attriċi fuq il-kawżali tas-siwi tad-deċiżjoni tat-Tribunal dwar jekk kellux is-setgħa li jiddelibera u jaqta' dwar egħmejjel li seħħew wara l-ħmistax (15) ta' Mejju tal-1995. Fuq din il-kawżali ħassret is-sentenza tal-ewwel Qorti. Madankollu, minħabba li fiċ-Ċitazzjoni l-Kummissarju attur kien sejjes l-azzjoni tiegħu għat-tħassir tad-deċiżjoni tat-Tribunal fuq aktar minn kawżali waħda, il-Qorti tal-Appell dehrilha xieraq li terġa' tibgħat il-kawża quddiem din il-Qorti biex din tqis il-kwestjoni tal-kawżali l-oħrajn (li dwarhom ma kienet stħarrġet xejn fl-appell imressaq quddiemha) ħalli b'hekk ma jintilifx il-benefiċċju tal-istħarriġ fiż-żewġ istanzi. Il-Qorti tal-Appell dehrilha wkoll li din il-Qorti (diversament presjeduta) kienet qieset biss kawżali waħda u ma dehrilhiex li kienet ukoll stħarrġet il-kawżali l-oħrajn;

Illi, mela, dan ifisser li din il-Qorti issa trid tistħarreġ dwar is-siwi tad-deċiżjoni tat-Tribunal taħt l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames kawżali. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ntalbet tistħarreġ (a) jekk id-deċiżjoni tat-Tribunal ingħatatx lil hinn mis-setgħat tiegħu (i) għaliex ma kenitx imsejsa fuq il-provi li tressqu, billi l-liċenzja lill-imħarrek ma kenitx iġġeddet minħabba li tħassret mill-Qorti tal-Maġistrati wara li l-imħarrek innifsu għarrafha li ma kienx għadu aktar imħajjar iġeddidha; (ii) jekk id-deċiżjoni ordnat rimedju li jorbot entitajiet li ma kinux parti fil-proċediment skond l-artikolu 7(9)(ċ) u (d) tal-Kap 394; (iii) jekk it-Tribunal naqasx li jqis f'liema ċirkostanzi l-imħarrek kien oriġinarjament kiseb il-liċenzja tiegħu fl-1982 minflok ħaddieħor li kellu l-liċenzja qablu għal bosta snin; u (b) jekk id-deċiżjoni hijiex inesegwibbli billi l-Kummissarju attur ma għandu l-ebda setgħa li joħroġ liċenzja kummerċjali fuq art pubblika jew li joħroġ il-permessi tal-ippjanar dwar l-art li fuqha tingħata l-liċenzja; liema permessi l-imħarrek Galea qatt ma wera li kellu, ukoll meta ntalab jipproduċihom. Din il-Qorti trid tiddeċiedi wkoll fuq l-eċċezzjonijiet preliminari li qajmu l-imħarrkin u li baqgħu ma ġewx irtirati u lanqas ingħatat sentenza dwarhom;

[10] F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Mejju, 2015, irrilevat li ladarba l-imħarrkin naqsu li jressqu l-eċċezzjoni ulterjuri b'mod formali, għandha titqies daqslikieku ma saritx, u għalhekk warrbet l-aggravju tal-imħarrkin fuq din il-kwestjoni (ara §§ 15 – 7 tas-sentenza, f'paġ 174 tal-proċess)

Illi l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li f'Settembru tal-1983 l-imħarrek Galea kien kiseb liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Kummissarju") biex iżomm u jarma kjosk f'post fiss fi Triq it-Torri, Sliema, fl-inħawi ta' Għar id-Dud, għall-bejgħ ta' xorb, ġelati u ikel ħafif. Huwa kien ingħata post fiss quddiem lukanda ewlenija f'dawk l-inħawi u kien rama fl-istess post għal xi snin;

Illi fl-1987 kien korra u għas-sajf ta' dik is-sena huwa għarraf lill-Kummissarju b'ittra tal-avukat tiegħu tas-16 ta' Ġunju, li ma kienx f'qagħda li jarma l-kjosk fil-post tas-soltu, iżda li kien qiegħed iżomm il-jedd tiegħu li jarma hekk kif ikun f'sikktu u li ma kien bl-ebda mod qiegħed jirrinunzja għal-liċenzja li kellu;

Illi meta ġara hekk, ħaddieħor ingħata liċenzja biex jarma kjosk fiss fl-istess post li Galea kien jarma fih qabel. Meta Galea lmenta, bl-istess liċenzja kien ordnat li jarma l-kjosk tiegħu band'oħra (huwa sejħilha "post imwarrab") u kien ikun irid ineħħih minn hemm kuljum wara li jagħlaq. Il-persuna li ngħata l-post fiss li Galea kellu qabel kien tħalla jarma ħdejn il-kjosk ta' Galea mill-1987 'l hemm, għaliex qabel kien igawdi liċenzja missieru fl-istess post li kien ingħata lil Galea[11];

Illi Galea ħallas il-liċenzja sas-sena 1988, iżda kien qiegħed ikollu jarma bil-kjosk tiegħu fil-'post imwarrab'. Sadattant, fil-post mnejn kien jarma Galea qabel weġġa', baqa' jintrama kjosk li ħaddieħor ingħata l-liċenzja tiegħu fl-1994;

Illi sadattant f'April tal-1990[12], billi Galea naqas li jħallas il-liċenzja, il-Kummissarju ħa passi kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u xlieh b'nuqqas ta' ħlas tal-liċenzja u li rama l-kjosk mingħajr ma kellu liċenzja fis-seħħ[13]. B'sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Ottubru, 1990[14], il-liċenzja li Galea kellu tħassret. Il-Kummissarju jgħid li kien Galea nnifsu li, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, kien iddikjara li ma kienx imħajjar aktar iżomm il-liċenzja tal-kjosk u li talab minn rajh lil dik il-Qorti biex tħassar il-liċenzja;

Illi fi Frar tal-1996, Galea talab lill-Kummissarju biex jerġa' joħroġlu liċenzja mill-ġdid minħabba li saħħtu kienet ġiet 'il quddiem;

[11] Xhieda ta' Martin Tanti Palmier f'paġġ. 79 – 81 tal-proċess
[12] Xhieda ta' Suprintendent Carmelo Magro f'paġ. 50 tal-proċess
[13] Dok "CM1", f'paġ. 51 tal-proċess
[14] Dok "CM2", f'paġ. 52 tal-proċess

Illi wara li l-Parlament għadda l-Att dwar l-Investigazzjoni tal-Inġustizzji[15] u twaqqaf it-Tribunal, Galea ressaq ilment dwar l-inġustizzja li allega li saret miegħu;

Illi b'deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fl-1 ta' Ottubru, 1998[16] (aktar 'il quddiem imsejħa "id-deċiżjoni attakkata"), l-ilment ta' Galea ntlaqa' u t-Tribunal irrakkomanda li Galea jingħatalu permess biex jarma kjosk fiss fl-istess inħawi f'Għar id-Dud u tal-istess prominenza li fih kien jarma qabel;

Illi fit-23 ta' Marzu, 1999, il-Kummissarju fetaħ din il-kawża biex jitlob it-tħassir tad-deċiżjoni għar-raġunijiet li ssemmew qabel;

Illi l-Qorti tibda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta mal-każ</u> billi qabel xejn tqis iż-**żewġ eċċezzjonijiet preliminari** mqajma mill-imħarrkin Galea. Dawn l-eċċezzjonijiet jgħidu li (i) l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex talba għal ritrattazzjoni ta' kawża trid titressaq quddiem l-istess qorti li tkun tat is-sentenza, kif jitlob l-artikolu 814 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili; u (ii) li l-azzjoni ma tiswiex ukoll għaliex saret wara ż-żmien maħsub fl-artikolu 818 tal-istess Kodiċi;

Illi għal dawn l-eċċezzjonijiet, il-Kummissarju jilqa' billi jgħid li l-azzjoni tiegħu mhijiex waħda ta' ritrattazzjoni, imma ta' stħarriġ ġudizzjarju;

Illi l-Qorti tqis li ż-żewġ eċċezzjonijiet mhumiex tajbin u mhux posthom f'kawża bħal din. L-imħarrkin jibqgħu jisħqu li l-azzjoni attriċi "trattasi ta' tentattiv ta' ritrattazzjoni jew tip ta' appell"[17]. Imma mad-daqqa ta' għajn jidher li dan mhuwiex il-każ għaliex l-azzjoni tal-Kummissarju mhijiex la tentattiv biex il-każ imressaq quddiem it-Tribunal jerġa' jinstema' wara li titħassar id-deċiżjoni u lanqas ma huwa appell minn dik id-deċiżjoni. Dak li l-Kummissarju qiegħed jitlob f'din l-azzjoni tiegħu hu biex din il-Qorti tqis jekk kemm-il darba t-Tribunal żammx mas-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi li taħtha twaqqaf u, f'każ li jirriżulta li dan ma għamlux, li jitnisslu l-konsegwenzi ta' sejbien bħal dak;

Illi għalhekk iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari ma jistgħux jitqiesu mistħoqqa għaliex jimmiraw lejn ħaġa oħra li mhix min-natura tal-azzjoni mnedija mill-Kummissarju;

---

[15] Att VIII tal-1997 (Kap 394)
[16] Paġġ. 8 sa 17 tal-proċess
[17] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 102 tal-proċess

Illi għal dak li jirrigwarda l-**mertu tat-talbiet attriċi** fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li fadal isiru, din il-Qorti sejra tibda billi tara jekk, fl-għoti tad-deċiżjoni attakkata, it-Tribunal żammx mas-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi jew jekk ħariġx lil hinn mill-parametri stabiliti. F'dan ir-rigward, f'azzjoni bħalma hija din ta' stħarriġ ġudizzjarju, din il-Qorti trid tqis biss dan l-aspett proċedurali bla ma tipprova terġa' tgħarbel il-kwestjoni sostantiva kif imressqa mill-imħarrek Galea meta ressaq it-talba tiegħu quddiem it-Tribunal. Minbarra dan, din il-Qorti trid tqis ukoll sewwa x'kienu s-setgħat li kellu t-Tribunal meta għadda biex jagħti d-deċiżjoni u x'effetti kellha l-istess deċiżjoni;

Illi kif ingħad għadd ta' drabi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li din il-Qorti għandha s-setgħa li tisma' kull kawża dwar deċiżjoni jew imġiba ta' korp ġudizzjarju jew kważi ġudizzjarju maħluq bis-saħħa ta' xi liġi, u dan bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin lilha taħt l-artikolu 32(2) tal-Kap 12 u mhux daqstant taħt dawk mogħtijin lilha taħt l-artikolu 469A tal-istess Kodiċi, li ma jgħoddux għall-każ ta' tribunali statutorji jew kważi-ġudizzjarji[18]. Dan il-prinċipju ovvju ma jeħtieġ l-ebda kwalifika. Dak li jrid jingħad huwa li, madankollu, tali stħarriġ irid isir fil-limiti preċiżi tal-għan tiegħu u m'għandux jiddawwar f'eżerċizzju ta' appell minn jew ta' reviżjoni tal-mertu tal-kwestjoni li dak il-korp ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju kien kompetenti li jqis[19]. Dan jgħodd iżjed u iżjed fejn l-istħarriġ ġudizzjarju jirreferi għat-Tribunal, li nħalaq bil-liġi għal għan speċifiku marbut mat-tressiq ta' lmenti dwar l-amministrazzjoni pubblika għal medda speċifikata ta' żmien[20];

Illi b'mod partikolari, tali eżerċizzju ta' stħarriġ ġudizzjarju hekk sewwa msejjaħ ġeneralment ma jgħoddx fih intervent dwar jekk it-tribunal jew korp kważi-ġudizzjarju kienx konsistenti bejn dak li tressaq quddiemu bħala fatti u dak li iddeċieda, jew jekk l-apprezzament tal-fatti jew in-nuqqas ta' apprezzament ta' oħrajn kienx wieħed rilevanti, jew jekk it-tribunal messux fehem xi kunċett legali b'mod minflok mod ieħor[21]. Fuq kollox l-ebda azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma timmira li tqis mill-ġdid il-mertu. Jekk Qorti tiddeċiedi li tistħarreġ l-imġiba jew id-deċiżjoni ta' tribunal, u ssib li jew (a) li t-tribunal jirriżulta li qabeż is-setgħat tiegħu, jew kien nieqes minn setgħa, jew (b) li ma mexiex mal-liġi li taħtha twaqqaf jew (ċ) li naqas li jħares xi wieħed mill-prinċipji tal-ħaqq naturali, l-aktar li l-Qorti tista' tagħmel huwa li tħassar dak l-egħmil jew dik id-deċiżjoni, u tordna s-smigħ mill-ġdid, jekk ikun il-każ. Qorti li tistħarreġ lil

[18] Ara App. Ċiv. **25.9.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Onor. Prim Ministru vs Victor Vella Muskat***
[19] App. Ċiv. **13.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia noe et vs Debono noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.262**) u l-bosta sentenzi msemmijin fiha
[20] App. Ċiv. **3.3.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur Ġenerali tal-Qrati vs Pinu Axiaq***
[21] App. Ċiv. **20.5.1991** fil-kawża fl-imsijiet ***John Holland noe vs Julian Schembri*** (mhix pubblikata)

tribunal amministrattiv ma tistax tgħaddi biex tagħti hi r-rimedju li l-liġi terfgħu lil dak it-tribunal;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha llum, it-Tribunal kien marbut mis-setgħat li ngħatawlu mil-liġi li taħtha nħalaq. Fl-ewwel lok, kien marbut jistħarreġ biss egħmejjel jew nuqqasijiet li seħħew bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995[22]. Fit-tieni lok, jekk l-ilment kien jaqa' fil-qafas ta' dik il-medda ta' żmien, it-Tribunal kien jista' jqis jekk il-parti li tkun ġarrbitx inġustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, esklużjoni jew preferenza mhux mistħoqqa li tkun saret jew ingħatat bi ħsara għaliha, jew ta' xi inkapaċita' jew restrizzjoni li kellha ġġarrab b'xi egħmil jew omissjoni min-naħa ta' waħda mill-persuni li għalihom jgħodd l-Att[23]. Fit-tielet lok, sakemm l-ilment ma kienx diġa' tressaq quddiem il-Kummissjoni dwar l-Investigazzjoni ta' Inġustizzji[24] jew quddiem xi qorti[25], it-Tribunal seta' jqis ilmenti tal-għamla li għadha kif issemmiet meta dawn jolqtu (a) ħatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' uffiċjali pubbliċi[26]; (b) ħatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, uffiċjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'liġi[27]; (ċ) dħul fl-impieg[28]; (d) liċenzji jew permessi meħtieġa bil-liġi[29]; jew (e) kull ħaġ'oħra li l-Kamra tad-Deputati tista' tapprova b'riżoluzzjoni[30]. Fir-raba' lok, meta kien jagħti d-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal ried jara jekk l-ilment kienx mistħoqq billi "jqis il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet ta' l-*Estacode* li kienu fis-seħħ fil-waqt tal-att jew l-omissjoni li fuqu jkun imsejjes l-ilment"[31]; kellu jirrikmanda l-għoti ta' rimedju kompensattiv "b'għarfien tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet tal-*Estacode* li jkunu fis-seħħ fid-data tar-rakkomandazzjoni"[32]; u jekk ma jkunx possibbli, minħabba l-liġijiet, ir-regolamenti jew dispożizzjonijiet tal-*Estacode* li jkunu fis-seħħ, li t-Tribunal jagħti rimedju kompensattiv, huwa seta' jirrakkomanda li minflok jingħata kumpens fi flus f'somma li ma taqbiżx ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.87)[33];

Illi fil-każ tal-lum, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li t-Tribunal seta' jqis biss l-ilment tal-imħarrek Galea safejn dan kien jirrigwarda t-tgawdija tal-liċenzja tan-negozju li kellu sa mill-1983 u t-tħassir tagħha fl-1990, safejn dan ikun il-każ. Minkejja dak li seta' tniżżel fl-atti tal-kawża (u li

[22] Art. 5(4) tal-Kap 394
[23] Art. 5(2) tal-Kap 394
[24] Imwaqqfa bl-Att XV tal-1987 (Kap 320) (imħassar b'Att XXI tal-1995)
[25] Art. 6(2) tal-Kap 394
[26] Art. 6(1)(a) tal-Kap 394
[27] Art. 6(1)(b) tal-Kap 394
[28] Art. 6(1)(ċ) tal-Kap 394
[29] Art. 6(1)(d) tal-Kap 394
[30] Art. 6(1)(e) tal-Kap 394
[31] Art. 7(9)(b) tal-Kap 394
[32] Art. 7(9)(ċ) tal-Kap 394
[33] Art. 7(9)(d) tal-Kap 394

x'aktarx għen biex ixxerred l-attenzjoni band'oħra), it-Tribunal ma seta' qatt jieħu konjizzjoni ta' xi lment li seta' kellu Galea dwar it-talba li huwa għamel fl-1996 biex tinħariġlu liċenzja mill-ġdid. Dak li seta' sar dak iż-żmien min-naħa tal-awtoritajiet ma seta' qatt jaqa' taħt l-istħarriġ tat-Tribunal għaliex dan kien miżmum milli jqis kull egħmil jew omissjoni li ġrat wara l-15 ta' Mejju tal-1995. Għalhekk, meta din il-Qorti sejra tgħarbel l-ilmenti tal-Kummissarju attur dwar l-aġir tat-Tribunal, sejra tqis biss iċ-ċirkostanzi tat-tħassir tal-liċenzja u dak li ġara sakemm sar tali tħassir, għaliex f'każ li joħroġ li t-Tribunal qies ukoll iċ-ċirkostanzi tal-applikazzjoni tal-1996 għall-ħruġ mill-ġdid tal-liċenzja, ikun jirriżulta li t-Tribunal kien, fil-fatt, iddetermina lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilu;

Illi l-każ tal-imħarrek Galea kien jaqa' taħt waħda mill-kategoriji magħrufa mil-liġi li dwarhom it-Tribunal seta' jagħti d-deċiżjoni tiegħu – il-ħruġ ta' liċenzji jew permessi meħtieġa mil-liġi. Jidher ukoll mill-premessi tad-deċiżjoni, li Galea kien qed jilmenta dwar fejn kien intalab jarma l-kjosk tiegħu wara li l-post li kien jokkupa qabel ngħata b'liċenzja ta' post fiss lil Tanti Palmier. Quddiem it-Tribunal, kien il-Kummissarju intimat (l-attur fil-kawża tal-lum) li qajjem l-ewwel darba l-kwestjoni tat-tħassir tal-liċenzja bis-saħħa ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Ma jidhirx li Galea lmenta dwar it-tħassir tal-liċenzja, u minn imkien fl-atti ma jidher li Galea kien talab lill-Qorti tal-Maġistrati li tħassarlu l-liċenzja għaliex tilef l-interess li jżommha aktar. Din il-fehma toħroġ biss minn minuta fil-*file* tal-istess Kummissarju[34]. Jidher, iżda, li fid-deċiżjoni attakata, it-Tribunal aċċetta li Galea nnifsu kien talab lill-Qorti tal-Maġistrati biex tħassarlu l-liċenzja[35];

Illi min-naħa tiegħu, il-Kummissarju attur jgħid li t-Tribunal iddeċieda fuq ħwejjeġ kontradetti mill-provi li kellu quddiemu (ladarba ordnat li lil Galea "jingħatalu permess għal *Mobile Kiosk* b'liċenzja ta' *fixed site* u dana f'Għar id-Dud Sliema fl-istess *area* fejn kien qabel" meta Galea kien ilu mingħajr liċenzja għal madwar tmien snin). L-attur iżid ukoll li, f'kull każ, id-deċiżjoni ma tistax tiswa għaliex hija ddaħħal fin-nofs awtoritajiet oħrajn li ma kinux fil-proċeduri u li l-imħarrek Galea ma kien ressaq l-ebda lment kontrihom. Minbarra dan, l-attur jgħid li t-Tribunal, biex wasal li jagħti d-deċiżjoni tiegħu, issindaka d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati meta dan ma kellu l-ebda setgħa jagħmlu bil-liġi li waqqfitu. Fl-aħħarnett l-attur jixli lit-Tribunal ukoll li, fit-teħid tad-deċiżjoni tiegħu, naqas li jagħmel apprezzament xieraq tal-fatti. Fl-aħħarnett, l-attur jgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal ma hijiex eżegwibbli u tgawdi biss is-saħħa ta' rakkomandazzjoni li jrid iqisha l-Prim Ministru;

---

34 Minuta nru. 193
35 Ara Dok "A", f'paġ. 16 tal-proċess

Illi l-Qorti jidhrilha li, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li diġa' saru aktar qabel, li ma hijiex sejra tqis l-ilmenti tal-attur safejn dawn iridu li din il-Qorti tara l-mertu tal-proċediment li tressaq quddiem it-Tribunal jew, għal dak li huwa apprezzament tal-fatti, li tara jekk taqbilx miegħu jew le. Iżda, mill-ilmenti l-oħrajn, jidher li din il-Qorti għandha għalfejn tistħarreġ aspetti oħrajn li jolqtu t-twettiq sewwa min-naħa tat-Tribunal tas-setgħat tiegħu safejn dawn jirrigwardaw aspetti li jagħtu lil din il-Qorti l-jedd li tistħarriġhom;

Illi hawnhekk il-każ jidħol fil-kwestjoni tar-raġonevolezza u tar-rilevanza ta' deċiżjoni li, fil-fehma tal-Qorti, f'din iċ-ċirkostanza, jimxu id f'id. Magħhom u minħabba l-kawżali speċifika tat-tħaddim tar-raġonevolezza, jidħol tabilfors l-element tat-tħaddim tad-diskrezzjoni li l-liġi tagħni biha lill-awtorita' li tkun ħadet dik id-deċiżjoni. B'"diskrezzjoni" wieħed jifhem dak li fid-duttrina huwa mfisser bħala "*(the) power to make a choice between alternative courses of action or inaction*"[36];

Illi l-Qorti tifhem li ladarba eżerċizzju bħal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, tippermetti li l-korp mogħni b'dik is-setgħa diskrezzjonali ma tkunx marbuta mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha, li huwa fdat għall-prudenza suġġettiva ta' dak il-korp (li, fil-każ tat-Tribunal, kien ippresjedut minn imħallef) u li timplika tabilfors element soġġettiv[37]. Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtorizzżaha, b'mod raġonevoli, b'ekwita' u ħaqq[38] u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni. Huwa magħruf ukoll li t-twettiq ta' diskrezzjoni bħal dik dettat minn xi sura ta' pressjoni jew tehdid minn terza persuna inissel ċirkostanza fejn dik id-diskrezzjoni titqies li twettqet ħażin, għaliex għall-eżerċizzju tal-arbitriju ħieles u raġunat tal-persuna awtorizzżata jkun daħal l-element li l-ħsieb li wassal għad-deċiżjoni kien wieħed imġiegħel;

Illi kien għalhekk li, mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li l-korp li hu mogħni b'diskrezzjoni jintalab jeżerċitaha f'każ li jkun naqas li jagħmel dan, imma ma jistax jingħadlu x'għandu jiddeċiedi jew li jwettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik il-korp tassew ikun qies il-kwestjoni li

---

[36] DeSmith, Woolfe & Jowell Principles of Judicial Review (5th Edit, 1995), paġ. 296
[37] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.376**)
[38] App. Ċiv. **21.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Masini noe vs Podesta' noe*** (Kollez. Vol: **XLV.i.110**)

kellu quddiemu, u li dan għamlu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma qiegħed lilu nnifsu f'qagħda fejn ma setax jew irrifjuta li jwettaq dik id-diskrezzjoni[39]. Siewi wkoll li jiġi aċċertat li l-korp mistħarreġ m'għamilx dak li kien espressament miżmum milli jagħmel, jew jekk għamilx xi ħaġa li ma kienx awtoriżżat jagħmel. Fuq kollox, il-korp mistħarreġ irid ikun mexa *bona fide* u qies il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;

Illi marbut sfiq ma' dawn il-prinċipji wieħed isib ukoll it-test tar-raġonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Id-dmir li korp ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju maħluq b'liġi jaġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li jaġixxi *bona fide*[40]. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat[41]. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli;

Illi l-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalita' fl-egħmil jew fid-deċiżjoni mistħarrġa, iżjed minn dak li jaraw li l-awtorita' pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa. Hekk ukoll tfissret il-qagħda f'bosta deċiżjonijiet tal-qrati[42];

Illi huwa stabilit li biex jitqies jekk awtorita' wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorita' mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[43]. Dan ifisser li l-kejl ta' r-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[44]. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "*rite*" u kif ukoll "*recte*", jiġifieri

[39] Ara App. Ċiv. **20.5.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Cremona pro et noe*** (mhix pubblikata)
[40] Ara, per eżempju, ***R vs Roberts, ex p. Scurr*** (**1924**) 2 K.B. 695
[41] Ara, per eżempju, ***R. vs W*** **(1971)** A.C. 682
[42] Ara l-bosta riferenzi msemmija minn din il-Qorti (JZM) fis-sentenza tad-**9.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Debono et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et***
[43] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law (10$^{tth}$. Edit), pġ. 295
[44] App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***

jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq[45]. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;

Illi l-Qorti tibda biex tqis li, safejn id-deċiżjoni tat-Tribunal titkellem dwar il-ħruġ ta' liċenzja favur l-imħarrek Galea, dan jaqa' fis-setgħat li t-Tribunal iħaddan bil-liġi, għaliex il-liġi tagħti lil dak it-Tribunal li jirrakkomanda rimedju kompensattiv bla ma b'daqshekk ikun qiegħed jieħu f'idejh setgħat mogħtijin bil-liġi lil xi korp ieħor[46]. Lanqas ma huwa ta' xkiel il-fatt li d-deċiżjoni ma hijiex eżegwibbli bħalma tkun sentenza[47], għaliex xogħlu huwa biss dak li jara jekk l-ilment ta' inġustizzja mressaq quddiemu huwiex wieħed mistħoqq, u mbagħad jaqa' fuq il-Prim Ministru d-dmir li jniedi l-proċeduri biex jitwettqu r-rakkomandazzjonijiet li jkunu saru mit-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu. Għalhekk, il-Qorti ssib li l-Kummissarju attur ma għandux raġun jilminta li t-Tribunal qabeż is-setgħat tiegħu f'dan ir-rigward;

Illi lanqas ma jidher li l-attur għandu raġun meta jgħid li d-deċiżjoni ma tiswiex għaliex il-parti dispożittiva tagħha tolqot awtoritajiet oħrajn li ma kinux parti fil-proċediment quddiem it-Tribunal. Din il-kwestjoni wkoll kienet diġa' mistħarrġa mill-Qrati u nstab li fit-tħaddim tal-Kapitolu 394, it-Tribunal ma kienx mitlub idaħħal fil-proċediment xi awtorita' jew entita' oħra, sakemm jista' jasal biex jiddetermina jekk l-ilment ta' inġustizzja kienx mistħoqq jew le[48];

Illi għalhekk din il-Qorti jmissha tqis l-aħħar kawżali tal-Kummissarju attur, u jiġifieri jekk kemm-il darba jistax jingħad li d-deċiżjoni tat-Tribunal taqbiżx is-setgħat lilu mogħtija minħabba li naqas li jikkunsidra li, fiż-żmien li l-imħarrek Galea ressaq l-ilment ta' inġustizzja marbut mal-użu tal-liċenzja, l-istess liċenzja kienet ilha bosta snin li tħassret b'deċiżjoni ta' Qorti (jiġifieri, il-kawżali numru 'i' fl-Att taċ-Ċitazzjoni);

Illi bla ma din il-Qorti tidħol fl-apprezzament tal-fatti mill-ġdid, ma hemmx dubju li, fiż-żmien li l-imħarrek Galea ressaq l-ilment tiegħu quddiem it-Tribunal, il-liċenzja li kellu biex iżomm il-kjosk miftuħ kienet ilha mħassra madwar seba' (7) snin. Dan il-fatt waħdu, fil-fehma tal-Qorti, ma neħħiex is-setgħa tat-Tribunal li jistħarreġ l-ilment ta' Galea matul iż-żmien bejn l-1987 u l-1990 meta seħħ it-tħassir tal-liċenzja. Kemm hu hekk, jidher li mid-deċiżjoni attakkata nnifisha, it-Tribunal kien qiegħed jittratta l-kwestjoni li Galea kien imġiegħel mill-Pulizija biex jarma bnadi oħra għaliex post il-kjosk tiegħu ttieħed minn ħaddieħor li ngħata l-liċenzja

[45] App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji***
[46] App. Ċiv. **3.3.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur Ġenerali tal-Qrati vs Pinu Axiaq***
[47] Art. 7(11) tal-Kap 394
[48] App. Ċiv. **3.3.2006** fil-kawża ***Direttur Ġenerali tal-Qorti vs Pinu Axiaq*** (fuq imsemmija)

(mill-ġdid) minfloku. Sa hawnhekk, din il-Qorti ma tarax li b'dan il-mod it-Tribunal qabeż is-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi;

Illi madankollu, lanqas ma jidher li Galea lmenta minħabba r-revoka tal-liċenzja u għaldaqstant ma jistax jingħad li talab lit-Tribunal jirrakkomanda li tingħatalu lura. Hawnhekk din il-Qorti tara li d-deċiżjoni attakkata tista' titqies li marret 'il barra mis-setgħat tat-Tribunal. Kemm hu hekk, l-imħarrek Galea ma ressaq l-ebda talba formali dwar dan fl-ilment li huwa ressaq quddiem it-Tribunal;

Illi huwa miżmum li deċiżjoni ta' korp statutorju tista' tkun suġġetta b'suċċess għal reviżjoni jekk kemm-il darba jinstab li tribunal ma jkunx ta l-attenzjoni xierqa lill-merti tal-każ jew fejn l-eżerċizzju tas-setgħat diskrezzjonali tiegħu jkunu nieqsa minn raġunament jew meta l-konklużjoni milħuqa tirriżulta illoġika[49]. B'tali mod li jekk kemm-il darba tonqos ir-rabta bejn il-motivazzjoni u d-deċiżjoni li ma jsegwux minn xulxin, ikun jonqos element essenzjali li jwassal lil tali deċiżjoni tkun bla siwi[50]. Meta korp kważi-ġudizzjarju jqis ħwejjeġ li kienu irrilevanti għall-kwestjoni li tkun tqajmet quddiemu jissarraf ukoll f'eżerċizzju ħażin tad-diskrezzjoni li tkun ingħatatlu[51];

Illi l-Qorti tqis li fil-każ tal-imħarrek Galea, meta kien ċar li l-liċenzja kienet tħassret b'sentenza ta' Qorti (irrilevanti jekk hux fuq talba tal-istess Galea jew le), jidher li t-Tribunal ma mexiex sewwa li warrab dan il-fatt u irrakkomanda li lil Galea tinħariġlu liċenzja ġdida bla ma b'hekk seta' kien qiegħed jintralċja wkoll kwestjoni li kienet ikkostitwiet ġudikat minn Qorti, liema setgħa ma toħroġ bl-ebda mod mid-dispożizzjonijiet tal-Kap 394[52];

Illi minħabba dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li fuq din il-kawżali l-Kummissarju attur seħħlu juri li l-ewwel talba tiegħu hija tajba u l-Qorti sejra tilqagħha;

Illi ladarba l-Qorti sabet li l-ewwel talba hija tajba, ma hemmx wisq x'iżżid dwar it-tieni talba, li hija għal kollox l-effett naturali tat-talba ta' qabilha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari** mqajmin mill-imħarrkin, għaliex ma humiex mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

---

[49] App. Inf. PS **28.3.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Żarb vs Emma Azzopardi et***
[50] App. Inf. **9.7.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Loftus et vs Mallia noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.53**)
[51] Maġ (Għ) AE **29.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Piju Attard et vs Kunsill Lokali Munxar, Għawdex*** (mhix appellata)
[52] Ara P.A. TM **25.5.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Prim Ministru et vs Anthony Brincat*** (mhix appellata)

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru, 1998 fl-atti tar-Rikors Numru 40/97 fl-ismijiet "*George Galea vs Kummissarju tal-Pulizija*" ma tiswiex billi ngħatat lil hinn mis-setgħat li l-liġi tagħti lill-istess Tribunal;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi hija konsegwenzjali għall-ewwel talba u b'hekk tħassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija deċiżjoni; u

**Tordna** li l-imħarrkin iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**, ħlief dawk marbutin mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Mejju, 2012, li jitħallsu kif ordnat f'dik is-sentenza.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**
**3 ta' Frar, 2016**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Registratur**
**3 ta' Frar, 2016**